MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-13 ta' April, 2010

Citazzjoni Numru. 348/2009

Kawza fil-lista: 18

**B A**
**vs**
**L-Avukat Dottor Renzo Porsella Flores**
**u l-Prokuratur Legali Liliana Buhagiar, nominati kuraturi deputati**
**sabiex jirrapprezentaw lill-assenti C D sive B C D imwielda fit-23 ta’ Mejju 1972**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attur ippremetta: li l-partijiet kienu zzewwgu fil-11 ta’ Dicembru 1995, liema zwieg kien sussegwentement gie dikjarat null permezz ta’ sentenza moghtija minn din il-Qorti fis-27 ta’ Marzu 2003; li, fil-frattemp, permezz ta’ kuntratt ippublikat fl-24 ta’ Settembru 1996 fl-atti tan-Nutar Peter Carbonaro

l-attur, f'ismu proprju u ghan-nom tal-konvenuta anke f' dak iz-zmien assenti, kien akkwista appartament u garage space; li ftit xhur wara z-zwieg, u cioe' f' Awissu 1996 l-konvenuta, cittadina Russa, telqet minn Malta u ma kienitx regghet irritornat lura, u qatghet kull kuntatt minn ma' l-attur li sallum ghadu ma jafx x' sar minnha; li l-prezz ghall-akkwist ta' l-imsemmi fond thallas kollu mill-attur, kemm permezz ta' self mehud minnu ghall-akkwist, kif ukoll permezz ta' ghajnuna finanzjarja moghtija lilu minn missieru, E B, filwaqt li l-konvenuta ma kkontribwiet xejn, u qatt ma kkontribwiet xejn fiz-zwieg; ghaldaqstant, l-attur qed jitlob li tigi likwidata l-komunjoni ta' l-akkwisti u li sehem il-konvenuta mill-imsemmi fond jigi moghddi lilha fl-intier tieghu biex jaghmel tajjeb ghall-kreditu tieghu fil-konfront ta' l-istess komunjoni; l-attur ghamel ukoll diversi talbiet relatati, uhud minnhom superfluwi;

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati li biha eccepew hekk:

Illi qabel xejn
(a) hemm kontradizzjoni bejn l-ewwel u t-tieni talba;

(b) it-tielet talba hija legalment insostenibbli;

(c) ir-raba' talba wkoll hija legalment insostenibbli billi aktar minn haga ohra l-attur meddu talab il-qasma tal-beni;

(d) il-hames u s-sitt talbiet huma zejda;

(e) is-seba' talba messha ngiebet ma' wahda ghall-qasma tal-beni;

(f) it-tmien u d-disa' talbiet huma zejda;

(g) l-art. 55 imsemmmi fl-ghaxar u l-hdax-il talba ma jghoddx ghal din il-kawza billi din mhix wahda ta' firda personali bejn il-konjugi;

(h) it-tnax-il talba hija zejda;

Illi fi kwalunkwe kaz huma ma jafux bil-fatti li wasslu ghal din il-kawza u ghalhekk jirriservaw id-dritt li jressqu t-twegiba taghhom hekk kif l-attur jghaddilhom xi hjiel kif jistghu jaqbdu ma' D C li ghaliha huma nhatru biex jidhru.

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

Illi mill-provi jirrizulta li l-attur, cittadin Malti, kien izzewweg lill-konvenuta assenti, cittadina Russa, fil-11 ta' Dicembru 1995; izda wara ftit xhur, u cioe' fl-24 ta' Awissu 1996 din telqet minn Malta, u ma rritornatx lura, u qatghet kull kuntatt minn ma' l-attur.

Illi fil-frattemp, fl-24 ta' Settembru 1996, l-attur kien xtara il-fond numru tlieta [3] fi blokk ta' appartamenti bl-isem "Tayina Flats" Qawra, flimkien ma' garage space sottostanti, bil-prezz ta' Lm25,000, liema prezz thallas bis-sahha ta' self bankarju fl-ammont ta' Lm20,000 u bl-ghajnuna finanzjarja moghddija lill-attur minn missieru E B.

Illi l-attur hallas wahdu l-pagamenti tas-self, filwaqt li l-konvenuta ma kkontribwiet xejn, lanqas biss regghet giet Malta. Jinghad ukoll li, lanqas fil-ftit xhur li din kienet baqghet Malta wara z-zwieg, hija qatt ma kkontribwiet xejn.

Illi kif fuq indikat iz-zwieg bejn il-partijiet kien gie dikjarat null fis-27 ta' Marzu 2003, izda l-konvenuta kienet ilha li abbandunat id-dar konjugali mill-24 ta' Awissu 1996; ghalhekk il-Qorti tqis il-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet intemmiet f' din id-data.

Illi l-unika proprjeta' ezistenti f' isem il-partijiet huwa l-appartament fuq indikat flimkien mal-garage space sottostante, li kienu gew akkwistati mill-partijiet wara l-imsemmija data, u li ghalhekk ma jifformawx parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti.

Illi tenut kont tal-fatt li l-prezz tal-fond, fl-intier tieghu, thallas kollu mill-attur, il-konvenuta assenti hija kreditrici tieghu ghal nofs l-ispejjez kollha mahruga mill-attur relattivament ghal dan il-fond, liema kreditu mhuwiex prospettat li jithallas mill-istess konvenuta.

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa' t-talbiet [a] [b] [d] [g] u [m], u, tiddikjara li l-komunjoni ta' l-akkwisti bejn il-partijiet giet terminata mill-24 ta' Awissu 1995 meta l-konvenuta abbandunat defenittivament id-dar konjugali; u tordna li s-sehem tal-konvenuta C D fl-appartament numru tlieta [3] fil-blokk ta' appartamenti bl-isem "Tayina Flats" bil-garage space numru tlieta [3] sottostanti jigi assenjat fl-intier tieghu lill-attur ghas-saldu tad-debitu taghha fil-konfront tieghu fuq l-istess fond, b' mod li ghalhekk il-fond u l-garage space qed jigu jappartjenu fl-intier taghhom lill-attur.

Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-kumplament tat-talbiet attrici, stante li huma superfluwi, u tordna li dawn ma jigux intaxxati mir-Registatur.

L-ispejjez kollha ghandhom jkunu kollha a kariku tal-konvenuta assenti, izda dawk relattivi ghall-kuraturi deputati ghandhom jithallsu provvizorjament mill-attur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------